Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 396 / 2016

Il-Pulizja

Spettur Marija Stella Attard

Vs

Duncan Schembri

Illum 30 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat Duncan Schembri detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 412582 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-26 ta' Jannar, 2016 ghal habta tal-11.00am u fil-jiem ta' qabel bil-vettura gewwa fil-Furjana u f' dawn il-Gzejjer, Floriana;

[1] Ghamilt uzu minn marka ta' Registrazzjoni xort' ohra minn dik moghtija mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari (Mercedes, Chassis No: WDD2040072A153115) (L. S. 368. 02 Artiklu 44 (5))

[2] Ghamilt uzu minn numru ta' identifikazzjoni xort' ohra minn dak moghti mill-pulizija jew mill-Awtorita dwar xi vettura bil-mutur partikolari (Kap 65 Artiklu 15 ( 1A ))

[3] Bhala ufficjal pubbliku, inqast li tissorvelja jew ma impedixxejtx reat milli jsir, meta kien fid-dmir tieghek li tara li ma jsirx (Kap 9 Artiklu 141)

Il-Prosekuzzjoni titlob li 1-imsemmija persuna jigi skwaliflkat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Lulju, 2016, fejn il-Qorti illiberatu mill-akkuza numru tlieta [3] u sabitu hati tal-akkuzi numri wiehed [1], tnejn [2] u;

Taghtu twiddiba.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Duncan Schembri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Lulju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tirriforma s-sentenza appellata u cioe dik tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs. Duncan Schembri' billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati tat-tielet imputazzjoni izda tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn instab hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, u konsegwentament tillibera lill-appellant minn kull piena u htija skont il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-aggravju huwa s-segwenti;

1. Illi l-appellant ma kellux opportunita' sodisfacenti sabiex jipprova l-innocenza tieghu stante li l-Qorti tal-Magistrati ghaddiet ghas-sentenza meta d-difiza kienet ghadha fi stadju li qed iggib il-provi taghha. Bid-dovut rispett lejn l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, id-difiza ma kinietx ghadha ghalqet il-provi taghha u fl-ebda hin m' ghamlet dikjarazzjoni f' dan is-sens. Ghall-kuntrarju meta l-appellant kien qieghed jixhed huwa rrimarka li ghandu f' idejh affidavit ta' terzi persuni inkluz ittra minghand l-Insurance Broker, l-Qorti tal-Magistrati rrimarkat li mhux se taccetta affidavits izda t-terza persuna trid titla' tixhed. Ghalhekk wiehed jikkonkludi li bi svista l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ghaddiet ghas-sentenza qabel ma ngiebu l-provi kollha tad-difiza.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fuq il-mertu l-appellant jaghmel enfasi fuq il-fatt li nhar il-Gimgha 22 ta' Jannar, 2016, l-ufficjal tal-Insurance Brokers kien gharraf lill-mittenti li t-transfer tal-vetturi ma sarx peress li kien hemm is-sistema elettronika bil-hsara u li pero' sat-Tnejn 25 ta' Jannar, 2016 kollox kellu jigi ghan-normal. Illi ghalhekk il-mittenti ma kellu l-ebda raguni ghalxiex jahseb li t-transfer ma sarx nhar it-Tnejn 25 ta' Jannar 2016. Di piu meta t-transfer ma sarx ghat-tieni darba, dan tal-ahhar naqas li jinforma b' dan lill-mittenti u kien propju l-ghada u cioe' t-Tlieta 26 ta' Jannar, 2016 li l-mittenti sar jaf x' kien gara. Dan kollu huwa kkorraborat minn ittra mahruga mill-Melita Unipol Insurance Brokers Ltd datata nhar il-5 ta' Marzu 2016 iffirmata minn Daniel Schembri ghan-nom tas-socjeta msemmija, hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok A' u li minhabba r-raguni msemmija fl-ewwel aggravvju ma gietx prezentata waqt il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

3. Illi l-appellant ghandu affidavit m' ghamul mis-Sur Salvatore Salamone Sinuhe (KI 445501 L) hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok B', u li minhabba r-raguni msemmija fl-ewwel aggravvju ma gietx prezentata waqt il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, li huwa wkoll kollega tal-mittenti; fejn jiddikjara li huwa wassal lill-appellant ghax-xoghol u wara li spicca hadu lura d-dar ghal diversi drabi sakemm sar it- transfer tal-vetturi. Din hija prova cara li l-appellant qatt ma kellu l-intenzjoni li jsuq karozza bi pjanci li jappartjenu lill-karozza ohra qabel ma jkun sar it-transfer. Dan kollu jikkonferma kemm l-appellant qaghad attent Ii jaghmel kollox kif inhu sewwa u kull nuqqas sehh b' nuqqas ta' hazen u purament b' mod accidentali stante cirkostanzi partikolari li l-appellant ma kellux kontroll fuqhom. Ghal dan il-ghan hemm affidavit ta' l-Ispettur Timothy Zammit hawn anness u mmarkat bhala 'Dok C' li jikkonforema dan Ii qed jinghad.

4. Illi r-Regolament 44 (5) tal-Ligi Sussidjaraja 368. 02 jghid hekk: *"kull persuna li taghmel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort' ohra minn dik moghtjja mill-Awtorita dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun hatja ta' reat."* L-istess Ligi Sussidjajra tipprovdi wkoll ghall-piena ta' habs, fatt li jkompli jikkonferma li l-offizi kontemplati f' din il-ligi huma ta' natura kriminali u allura penali u mhux amministrattivi. Ghalhekk dan ifisser li wiehed mir-rekwiziti biex l-appellant jinstab hati ta' reat taht ir-Regolament 44 (5) tal-Ligi Sussidjarja 368. 02 huwa li jkun hemm il-mens rea u l-appellant umilment jissottometti li ma giextx pruvata l-mens rea rikjesta ghall-htija tal-istess imputazzjonijiet. Ghall-kuntrarju kollox jindika li l-appellant kien genwin u ghamel kollox kif suppost, billi mar mal-parti l-ohra ghand Insurance Broker licenzjat u inkarigah biex jaghmel l-insurance u t-transfers necessarji. Illi kif johrog mid-Dokument B anness, l-appellant ma kienx qed jaghmel uzu mill-vettura tieghu u beda jmur ghax-xoghol ma' kollega tieghu. Huwa stenna sat-Tlieta 26 ta' Jannar, 2016 qabel biddel il-pjanci, id-data ta' meta genwinament haseb lit-transfer kien sar hekk kif wara kollox kien mistenni li kellu jsir. Dan

ifisser li l-appellant la kellu l-intenzjoni hazina li jikkommetti reat u lanqas kien indifferenti minn dak li seta' jigri. Huwa evidenti u logiku li kieku l-appellant kellu xi intenzjoni hazina ma kienx sejjer jipparkja l-vettura tieghu propju quddiem il-General Headquarters tal-Pulizija. Fuq kollox dak huwa incident sfortunat li jista' jigri lil kulhadd u din l-Onorabbli Qorti hija konsapevoli li tista' tghid fil-kazijiet kollha fejn individwi jibdlu l-pjanci tal-karozzi jkollom il-hsieb hazin li jew jikkommettu xi reat jew biex jevitaw li jhallsu l-insurance u l-licenzja tal-karozza. F' dan il-kaz l-insurance u l-licenzja tal-vettura thallsu nhar il-Hamis 21 ta' Jannar, 2016, u r-raguni ghaliex il-pjanci tal-karozza inbidlu kien propju ghax huma pjanci personalizzati tal-appellant.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti gie sorvolat permezz ta' digriet tas-17 ta' Novembru 2016 meta l-appellanti gie awtorizzat iressaq dawk il-provi kollha li huwa ma inghatax l-opportunita iressaq quddiem l-Ewwel Qorti. Kwindi din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' din il-lanjanza.

Illi l-ilment l-iehor ta'l-appellanti dirett lejn id-decizjoni impunjata huwa imsejjes fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta sabitu hati ta'l-ewwel u it-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Dan ghaliex jishaq illi huwa qatt ma kellu intenjoni juza l-vettura li kien akkwista minn ghand certu Adrian Buttigieg qabel ma isir it-transfer relattiv u dan ghalkemm kien biddel diga il-pjanci ta' registrazzjoni tal-vettura minn dawk li kienu jappartjenu lill-vettura qabel l-akkwist ghal dawk li huma personalizzati li hu ried iwahhal fuq din il-vettura. Billi l-assikuratur tieghu, li kien qed jiehu hsieb din il-procedura tat-transfer, kien assigurah illi dan kien ikun lest sal-25 ta' Jannar 2016, huwa hareg il-vettura fit-triq bil-pjanci mibdulin fis-26 ta' Jannar 2016 meta allura gie imwaqqaf mill-pulizija u imbaghad irrealizza illi fil-fatt dan it-transfer kien ghadu ma sehhx. Jishaq l-appellanti illi gjaldarba allura, il-piena ikkontemplata ghall-

akkuzi li dwarhom gie misjub hati hija dik il-piena ikkontemplata fil-ligi ghad-delitti u mhijiex semplici multa amministrattiva kwindi kien necessarju illi jigi ippruvat l-element tal-*mens rea* u cioe' ta'l-intenzjoni li huwa jaghmel uzu minn marka ta' registrazzjoni differenti minn dik moghtija ghal dik il-vettura mill-awtorita kompetenti. Dina l-intenzjoni fil-fehma tieghu hija nieqsa billi huwa ha l-passi kollha mehtiega sabiex jottempera ruhu mal-ligi u kien biss minhabba nuqqas minn terza persuna li giet kommessa l-vjolazzjoni addebitata lilu.

Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar l-apprezzament tal-provi fil-mertu, din il-Qorti tqies illi qabel xejn ghandha tigi sorvolata il-kwistjoni ta' dritt imqanqla mill-appellanti meta jishaq illi gjaldarba huwa gie imputat bil-kummissjoni ta' delitt u mhux kontravvenzjoni, kwindi kien mehtieg illi issir il-prova ta'l-element intenzjonali jew formali tar-reat. Dan ghaliex ghall-agir kontravvenzjonali ma hemmx bzonn tal-propositu deliberat u volut tal-awtur, izda:

"*ghall-imputabbilita` ta` dan ir-reat hi bizzejjed il-volontarjeta` tal-fatt; hu bizzejjed li l-imputat kien il-kawza efficjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali, minghajr ma hemm bzonn illi jkun hemm fl-imputat il-kuxjenza tal-illegittimita` tal-fatt stess. Jekk hu ried il-fatt biss, allura hu fi stat kontravvenzjonali. B'mod illi l-indagini tal-Qorti ghandha tkun ristretta filli l-gudikant jara jekk l-imputat riedx il-fatt, meru u semplici.*[1]"

Dan ghaliex fil-kaz tal-kontravvenjonijiet,

"*il-Qorti ma ghandhiex taghmel ebda ricerka dwar l-element intenzjonali ta' dan ir-reat; ghax il-ligi rilevanti tikkwalifikah bhala kontravvenzjoni, u fil-kontravvenzjonijiet hija bizzejjed il-volontarjeta', ghalkemm din tista' tkun eccezzjonalment eskluza fil-kaz ta' zball invincibbli u essenzjali, u li jgib, dejjem eccezzjonalment, il-bwona fede*[2]."

[1] Il-pulizija vs Anthony Mallia App.Inf – 24/02/1960
[2] Il-Pulizija vs Carmelo Bonnici – Appell Inferjuri 15/02/1958

Issa l-appellanti gie misjub hati ta' zewg reati addebitati lilu fl-ewwel zewg imputazzjonijiet. L-ewwel imputazzjoni tikkontempla ir-reat mahsub fir-regolament 44(5) ta'l-Legislazzjoni sussidjarja 368.02 li tistipula hekk:

**"Kull persuna li taghmel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra minn dik moghtija mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun hatja ta' reat."**

Illi *g*halkemm il-ligi tikkomina ghal dan ir-reat pieni li huma irrogabbli ghad-delitt, izda hawn si tratta ta' reat kontravvenzjonali, ghax skond il-ligi rilevanti dan ir-reat ghandu jkun kwalifikat bhala kontravvenzjoni. Dan johrog car mid-dicitura ta's-sub-inciz 7 ta'l-istess regolament fejn hu imfisser illi l-ksur tar-regolamenti dwar registrazzjoni u licenzjar ta' vetturi bil-mutur hija kontravvenzjoni u mhux delitt.

Mhux l-istess izda jista' jinghad ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Hemmhekk, ghalkemm bhal fil-kaz tal-ksur tar-regolamenti, l-piena hija dik ikkontemplata ghad-delitti kif mahsub fl-artikolu 7 tal-Kodici Kriminali, ma issir l-ebda deroga kif imfisser fl-imsemmija regolamenti.

Maghdud dan allura trid issir distinzjoni bejn l-ewwel u it-tieni akkuza addebitati lill-appellanti u li dwarhom hu gie misjub hati. Illi mill-fatti tal-kaz jirrizulta illi il-fatt materjali kostitwenti l-agir kriminuz addebitat lill-appellanti kien jikkonsisti fil-fatt illi huwa wahhal mal-vettura Mercedes, li kien ghadu kemm akkwista, pjanci ta' registrazzjoni li ma kenux gew moghtija lil dik il-vettura mill-Awtorita tat-Trasport, billi dawk appartenenti lil din il-vettura kienu ghadhom il-marki li kien hemm qabel ma sar il-bejgh. Dan ghaliex it-transfer relattiv ma kienx ghadu sar u allura ma setax l-appellanti jaghtihom marka ta' registrazzjoni differenti min dawk lilha appartenenti. Dan l-att materjali jaqa' sewwasew fl-element materjali mehtieg ghal kummissjoni kemm tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65 kif ukoll dak li jaqa' taht ir-regolamenti sussidjarji. L-artikolu 15(1A) jiddisponi illi:

**"Kull persuna li tagħmel użu minn numru ta'identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat u, meta tinsab ħatja, teħel ..."**

Mela filwaqt li ir-regolament jitkellem dwar marka ta' registrazzjoni, il-Kap.65 jitkellem dwar numru ta' identifikazzjoni. Izda t-tifsira moghtija lit-terminu "marka ta' registrazzjoni fir-regolament 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja hija dik ta' "**in-numru tar-registrazzjoni li jinghata lil vettura bil-mutur**",

Mela allura ghall-istess infrazjoni tal-ligi l-appellanti qed jigi akkuzat kemm bid-delitt previst fl-artikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65 kif ukoll bil-ksur tar-regolament 44(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja, reati allura fejn ghall-istess att irid jigi applikat kejl differenti sabiex tinstab reita'. Dan ghaliex kif gustament jikkontendi l-appellanti ghalkemm il-koxxjenza dwar l-illegittimita tal-att irid necessarjament jirrizulta ippruvat fil-kaz ta' sejbien ta' htija ghad-delitt u cioe' it-tieni imputazzjoni, tali prova ma hijiex hekk mehtiega fil-kaz tar-reat kontravvenzjonali fejn hija bizejjed il-prova tal-volontarjeta ta'l-att mill-awtur tieghu.

Issa ma hemmx dubbju illi l-appellanti lahaq l-grad mehtieg minnu fil-ligi sabiex jikkonvinci lil din il-Qorti illi huwa fl-ebda hin ma kien konxju tal-istat ta' illegittimita li kien jinsab fih meta hareg il-vettura mixtrija minnu fit-triq bil-pjanci ta' registrazzjoni differenti minn dawk marbuta ma' dik il-vettura sa dak iz-zmien. Dan jirrizulta mill-agir tieghu fil-jiem li ipprecedew d-data ta'l-akkuza minn fejn johrog illi hu ma kienx qed isuq din il-vettura sakemm kellu mohhu mistrieh illi l-agent ta'l-assikurazzjoni kien ha hsieb jaghmel it-transfer relattiv kif kienu wieghdu. Fil-fatt huwa ghamel il-verifiki tieghu ma' din il-persuna certu Daniel Schembri ghan-nom tas-socjeta ta'l-assikurazzjoni Malta Unipol Insurance Brokers Limited meta kemm fit-22 kif ukoll fit-23 ta' Jannar 2016 huwa staqsieh jekk it-transfer tal-vettura kienx sar, li minn naha tieghu dan Schembri kien infurmah li dan kien ghadu ma sarx minhabba xi problemi teknici li kellhom Transport Malta,

izda assikurah li sa cetu gurnata dan kien ikun lest. Fil-fatt dan Schembri in kontro-ezami jixhed u ighid:

**“ghat-25th (b’referenza ghax-xahar ta’ Jannar) ahna assigurajnieh li ha jkun hemm kollox lest.”**

U allura fis-26 ta’ Jannar 2016 l-appellanti hareg bil-vettura bil-pjanci mibdula bill-marki personalizzati tieghu meta imbaghad gie imwaqqaf mill-pulizija. Meta l-appellanti allura rinfaccjat b’din is-sitwazzjoni ikkomunika rega’ ma’ Schembri, dan infurmah illi kien inqala’ intopp fejn l-Awtorita ma redux jaffettwaw it-transfer billi irrizultalhom illi l-bejjiegh kellu xi *pending fines* fuq xi vetturi ohra registrati f’ismu (u mhux dik mertu tal-kaz) u allura qabel isir il-hlas relattiv dan it-transfer ma setax isir. Irrizulta illi ghalkemm il-bejjiegh gie infurmat b’dan u ha hsieb ihallas dawn l-multi li kellu pendenti, madanakollu Schembri ma kienx informa lill-appellanti ghaldaqstant. L-appellanti ghalhekk hareg bil-vettura fit-triq injar minn dan l-izvilupp gdid u taht l-impressjoni illi t-transfer kien lahaq sar.

Kwindi rinfaccjata b’dawn ir-risultanzi processwali, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib htija ghad-delitt ipprospettat fit-tieni imputazzjoni. Lanqas fil-fehma ta’ din il-Qorti ma setghet tinsab reita’ ghall-akkuza kontravvenzjonali fejn hawnhekk ukoll l-volontarjeta ta’l-att ta’l-awtur hija nieqsa billi kif inghad fis-sentenza hawn fuq iccitata, din il-volontarjeta f’dan il-kaz hija eskluza billi l-agir ta’l-appellanti kien indott mill-assigurazzjoni moghtija lilu minn terza persuna li huwa kien konformi mal-ligi u li allura tnissel il-bwona fede fl-att minnu kommess.

*“Ghax avvolja fil-kontravvenzjonijiet hija bizzejjed, kwantu ghall-element psikiku, il-volontarjeta' tal-fatt, eppure din il-volontarjeta' tista tigi eskluza bil-bwona fede jew bwona intenzjoni skuzabili.*[3]*”*

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa’ l-appell interpost, tghaddi ghalhekk biex tikkonferma d-decizjoni impunjata fejn l-appellanti gie illiberat mit-

[3] Il-Pulizija vs George Vigo – 15/12/1947

tielet imputazzjoni u tirrevokaha fil-bqija, u minflok tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur